MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Numru 561/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Cassar**

**vs**

**Sean Grima**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Sean Grima ta’ 23 sena, iben missier mhux maghruf u Veronica nee’ Grima, imwieled fil-10 ta’ Ottubru 1984 fil-Pieta’ u residenti 27, Triq l-Oratorju, Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 497884(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fit-28 ta’ Frar 2008 u fil-gimghat ta’ qabel, f’ hinijiet differenti, f’ dawn il-Gzejjer, zamm f’ xi fond jew kellu fil-

pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjoni u cioe’ arma tal-arja, cross bow, munnizzjon u skieken minghajr ma kellu il-permess mahrug tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur t’ Artikolu 5 (1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. Fit-28 ta’ Frar 2008 u fil-gimghat ta’ qabel, f’ hinijiet differenti, f’ dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

3. Kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu f’ sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D fis-17 ta’ Jannar 2007 ;

4. Sar recediv b’ diversi sentenzi moghtija minn Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta’ Mejju 2008 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali mahrug bis-sahha tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn gie ordnat li l-imputat jiressaq bl-akkuzi odjerni qudiem din il-Qorti bhal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2008 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu**.**

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-

Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 5(1) u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(a) u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 17, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300).

Il-Qorti inoltre qed tordna l-konfiska tal-oggetti kollha indikati fl-ircevuti mmarkati bhal Dok. RC2 u 3 kif ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga immarkata bhala Dok. RC6 liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------